

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Bari (l-Italja) fit-22 ta' Settembru 2014 –
proċeduri kriminali kontra Domenico Rosa**

(Kawża C-433/14)

(2014/C 448/04)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Bari

Parti fil-kawża prinċipali

Domenico Rosa

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 49 *et seq.* u 56 *et seq.* TFUE, hekk kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza Nru 72 tas-16 ta' Frar 2012 [fil-Kawża magħquda C-72/10 u C-77/10], għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu li tiġi organizzata sejħa għal offerti dwar konċessjonijiet għal perijodu iqsar minn dak mogħtija preċedentement, meta l-imsemmija sejħa għal offerti tkun għet organizzata bil-għan iddikjarat li jiġu rrimedjati l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-illegalità tal-esklużjoni ta' ċertu numru ta' operaturi f'sejħiet għal offerti preċedenti?
- 2) L-Artikoli 49 *et seq.* u 56 *et seq.* TFUE, hekk kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu li r-rekwiżit tal-allinjament *ratione temporis* tal-iskadenzi tal-konċessjonijiet jikkostitwixxi ġustifikazzjoni adegwata għall-perijodu ridott tal-konċessjonijiet suġġetti għal sejħa għal offerti meta mqabbel mal-perijodu tal-konċessjonijiet konċessi fil-passat?
- 3) L-Artikoli 49 *et seq.* u 56 *et seq.* TFUE, hekk kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu li jiġi previst l-obbligu ta' trasferiment bla hłas tal-użu tal-beni materjali u mhux materjali miżmuma b'titolu ta' proprjetà li jikkostitwixxu n-netwerk ta' ġestjoni ta' ġbir tal-logħob f'każ ta' waqfien tal-attività minħabba l-iskadenza tal-perijodu tal-konċessjoni jew b'riżultat tad-deċiżjonijiet ta' skadenza jew ta' revoka?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Bari (l-Italja) fit-22 ta' Settembru 2014 –
proċeduri kriminali kontra Raffaele Mignone**

(Kawża C-434/14)

(2014/C 448/05)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Bari

Parti fil-kawża prinċipali

Raffaele Mignone

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 49 *et seq.* u 56 *et seq.* TFUE, hekk kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza Nru 72 tas-16 ta' Frar 2012 [fil-Kawża magħquda C-72/10 u C-77/10], għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu li tiġi organizzata sejħa għal offerti dwar konċessjonijiet għal perijodu iqsar minn dak mogħtija preċedentement, meta l-imsemmija sejħa għal offerti tkun għet organizzata bil-għan iddikjarat li jiġu rrimedjati l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-illegalità tal-esklużjoni ta' ċertu numru ta' operaturi f'sejħiet għal offerti preċedenti?